MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2006

Numru 22/2006

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND D'ANASTASI
VS
FAUZI MOHAMAD ALBOOSH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Fauzi Mohamad Alboosh, ta' 22 sena, bin Mohammed u Salha, imwieled Libya fis-16 ta' Jannar 1984 u residenti 2, Triq il-Barrakki, Hal Qormi, detentur ta' passaport numru 546938, u akkuzat talli fid-19 ta'Jannar u/jew fi zminijiet ta' qabel din id-data gewwa Hal Qormi, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, u dan bi ksur tal-Artiklu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis, kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Artiklu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali taht l-Artiklu 22(2) tal-Kap 101.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artiklu 8(a)(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artiklu 22 tal-Kap 446, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.  In oltre, il-Qorti tordna id-distruzzjoni tar-raza tal-Cannabis ezebita in atti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------